**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 103/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Mark Cutajar**

Illum it-23 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Mark Cutajar detenur tal-karta tal-identita Maltija 283393 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar 1-20 ta' Dicembru 2021 ghall-habta ta' 22.40hrs, waqt li gewwa Delimara fil-limiti ta' Marsaxlokk kien qed jonsob waqt hin ta' stagun fejn insib mhux permess, cioe' li ma jista jsir l-ebda insib minn saghtejn wara nzul ix-xemx sas-saghtejn qabel tlugh ix-xemx tal-gurnata ta' wara u dan bi ksur tar-regolament 7(b) ta' LS549.74;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess u ghamel uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel tal-ghasafar li dan huwa ipprojbit anki jekk tali apparat jithalla wahdu, waqt spezzjoni li saret lilu, tali apparat instab waqt hiinijiet li

fihom mhux permess insib, l-istazzjoni tal-insib jitnehha immedjatament minn fuq ir-registru u ma jkunx jista' jintuza minn ebda persuna licenzjata ghall-kumplament tal-istagun u dan bi ksur tar-reg. 7(n) tal-LS549.74;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli josserva strettament kull restrizzjoni legali jew obbligu, inkluzi dawk tal-post, dati, granet, hinijiet, u l-kwoti kif ukoll il-kundizzjonijiet li ghandha l-licenzja u dan bi ksur tar- Reg. 7(s) tal-LS549.74;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il- Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvagg u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal- Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Marzu, 2023, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 7(b); 7(n) 7(s) u 9 tal-Ligi Sussidjarja 549.74 kif ukoll ir-regolament 27 tal-Ligi Sussidjarja 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-qua imputat, Mark Cutajar, hati tal- imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundanatu ghall-multa ta' elfejn Ewro (Eur. 2,000) li b'applikazzjoni tal- artikolu 14(2) tista tithalla b'rati mensili ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mark Cutajar, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentament, tilliberah minn kull htija u piena.

B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u/jew tirriduci s-sospensjoni rilevanti ta' kull

licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Mark Cutajar li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

<u>**L-Ewwel Agravvju**</u>

**Apprezzament tal-provi fuq il-lok u c-citazzjoni.**

Illi l-avvizo di comparire, ossija, ic-citazzjoni tindika post preciz, jigifieri **Delimara fil-limiti ta' Marsaxlokk.** Mela l-prosekuzzjoni kellha tipprova lil hinn minn kull dubbju ragonevoli li l-appellant kien qed jonsob f' dak il-lok'. Issa l- unika xhud tal-prosekuzzjoni, ossija PC 47 B. Briffa jiddikjara bil-gurament li huwa u PC 333 L.A. Gado wettqu l-ispezzjoni **'gewwa iz-zona ta' Delimara limiti ta' Birzebbugia**."2

Minn-naha tieghu l-imputat waqt is-seduta tas-7 ta' Settembru 2022 xhed bil-gurament u hu qal li hu ghandu l-ghalqa u il-mansab fl-arja maghrufa **Ta' Berikka li tinsab fil-limiti ta' Marsaskala**. Hu ipproducja ukoll site plans f dan is-sens u jikkonferma li l-ispezzjoni saret fl-ghalqa fil-limiti ta' Marsaskala u la saret f Delimara limiti t * a' Marsaxlokk u lanqas f Delimara limiti ta' Birzebbugia. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod attakkata mill-prosekuzzjoni u lanqas sarlu xi kontro-ezami fuq dan il-fatt jew xi fatt iehor, per ezempju jekk kienx qed jonsob u le.

L-appellant irid jghid ukoll li huwa ghalkemm tela jixhed di sua spontanea volonta' fuq l-akkadut lanqas biss gie kontro ezaminat mill-prosekuzzjoni la fuq il-kwistjoni tal-post u lanqas fuq il-fatt jekk kienx qieghed jonsob jew le.
Dunque, per konsegwenza il-prosekuzzjoni accettat dak li qal hu bhala veritier, ossija li huwa fil-fatt kien ta' Berikka limiti ta' Marsaskala u mhux kif qed jghid PC Briffa li

kien f Delimara limiti ta' Birzebbugia jew kif hemm fic-citazzjoni, ossija, Delimara limiti ta' Marsaxlokk[3].

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs John Paul Azzopardi** (Appell Nru. 506/2016) deciz fit-30 ta' Novembru 2017 per Onr. Imhallef Dr. Edwina Grima intqal hekk:

> **'Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f' diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Theuma, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011. <u>Dan ghaliex il- Qorti qatt ma tista' issib htija dwar kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f xi post iehor mhux dak indikat fl- akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq il quddiem mill-Prosekuzzjoni</u>.........Issa jekk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binajri ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew ikunu gew definiti hazin. Issa f' dan il-kaz l-appellanti qatt ma jista' jinstab fil-hin indikat fl-akkuza ghaliex jidher illi f' dak il-hin huwa kein jinsab gewwa Triq il-Ferrovija u Mifsud......Madanakollu il-Prosekuzzjoni ghalkemm kellha kull opportunita' titlob il-korrezzjoni mehtiega fl-akkuza, baqghet inattiva.'** mhux fi Triq il-Kappillan

Fis-sentenza taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti iddeliberat bil-mod segwenti:

> **'Din il-Qorti annalizat il-provi mressqa. Jibda biex jinghad li l-fatt li l-imputat ghandu registrat f ismu mansab gewwa Marsaskala ma jfissirx necessarjament li huwa kien qed jonsob minn hemm. Jinghad ukoll li mill-affidavit tal-pulizija jirriżulta li l-area fejn kienet qed isir l-ispezzjoni u fejn instab il-qua imputat jonsob kienet dik ta' Delimara. Dan huwa ukoll il-lok indikat fl-okkorrenza tal-pulizija u fic-citazzjoni. Jinghad ukoll li PC 47 Briffa ma kellu l-ebda raguni għaliex ma jghidx is-sewwa dwar il-lok lanqas ma huwa possibbli li dan kien xi zvista tenut kont li l-lok indikat mill-imputat gewwa Marsaskala huwa ferm 'il boghod minn Delimara.'**

Bid-dovut rispetto huwa propju ghal fatt li id-distanza bejn iz-zona ta' Berikka limiti ta' Marsaskala u Delimara limiti ta' Marsaxlokk jew Delimara limiti ta' Birzebbugia kellu jigi liberat l-appellant. Barra minn dan erronjament il-Qorti tal-Magistrati di sua spontanja volonta' u minghajr ebda prova ta' xejn iddecidiet li Delimara limiti ta' Marsaxlokk u Delimara limiti ta' Birzebbugia huma l-istess lok u dan ghaliex il-kuntistabbli investigattiv ma kellu l-ebda raguni għalfejn ma jghidx is-sewwa. Barra minn dan bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Magistrati, ir- rapport allegatament redatt minn PC Briffa a fol XI ma giex guramentat minnu u lanqas b' xi mod tal-anqas gie iffirmat minn xi hadd li kellu sehem fl-istezura tieghu. Dan zgur ma' jaghmilx l-ahjar prova fil-kamp kriminali u prova tajba biex Qorti tistrieh fuqha.

Ghaldaqstant, il-Qorti inferjuri kella tiskartah u ma tistriehx fuqu jew tal-anqas thares lejn b' għajnejn aktar inkwisittiva anki ghar-raguni li ser tigi elenkata fit- tieni aggravju u il-mod legger ta' kif donnhom tmexxew l-investigazzjonijiet minn naha tal-kuntistabbli Briffa, ossija bi traskuragni gravi u b' nuqqas ta' jew gharfien shih tad-drittijiet tas-suspettat jew addirittura b' abbuz ta' poter fil- medda tal-istess investigazzjoni kif ser jigi muri aktar 'I isfel.

Ghal dawn ir-ragunijiet, umilment l-appellant jissottometti li kellu jigi liberat mill-akkuzi ghar-ragunijiet esposti fil-paragrafi precedent.

**It-Tieni Aggravju.**

**Assistenza legali waqt l-ispezzjoni u l-interrogazzjoni.**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju numru wiehed irid jigi sottolinejat li PC 47 B. Briffa fl-affidavit minnu prezentat jghid testwalment:

Jiena qabel ma bdejt naghmel xi domandi, lil Mark tghajtu d-drittijiet kollha tieghu fosthom dak li jikkonsulta ma avukat ta' l-ghazla tieghu, jew ppermezz tal- 'mobile' jew li setgha jigi prezenti fuq il-post. Mark stqarr li ghalissa ma xtaqx li jitkellem ma avukat u għalhekk jien tlabtu jiffirma dikjarazzjoni bin-numru 000012 bhala prova ta' dan'.

Din mhix i-verita' shiha, anzi..... u dan jixhdu ir-rapport GHQ/EPU/1040/20217 li milli jidher hu redatt minnu stess fejn f' pagna tnejn tal-imsemmi rapport a fol. X1 hemm is-segwenti dikjarazzjonijiet mill-istess ufficcjal investigattiv:

'Cutajar gie spejgat dan kollu u għalhekk gie mghoti d-dritt ta' l-avukat fejn huwa ghazel li jkellem lil Dr. Miruzzi izda kien kollu ta' xejn ghax baqa ma rrispondiex. Ga la darba Dr. Miruzzi ma giex mitkellem, Cutajar gie spjegat lili rigward il- karta tar-rifjut u bil-buona volonta' tieghu, huwa iffirma din id-dikjarazzjoni

Illi fl-opinjoni umili tal-appellant il-metodu adoperat mill-ufficcjal investigattiv imur kontra il-ligi u l-ispirtu taghha u l-artikolu tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta li jirregolaw il-vertenza huwa is-segwenti:

**(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li ssehh l-ewwel wahda minn dawn il-ġrajjiet:**

**(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità obra ghall-infurzar tal-liġi jew awtorità gudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;**

**(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti ohra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza ohra skont is-subartikolu (8)(e);**

**(c) mingħajr ebda dewmien wara li tkun giet imcahhda l-libertà;**

**(4) Malli tkun saret talba għall-assistenza legali, il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata lista ta' avukati mfassla mill-Kamra tal-Avukati u mill-Kamra tal-Prokuraturi Legali u sottomessa darba kull sena lill-Pulizija Eżekuttiva u lil kull awtorità oħra ghall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, li minnha l-persuna akkużata jew suspettata tista' tagħżel**

**avukat tal-għażla tagħha. Alternattivament, il-persuna suspettata jew akkużata tista' tagħżel sabiex tkun assistita minn Avukat tal-Għajnuna Legali f liema każ l-Avukat tal- Għajnuna Legali għandu jassenja avukat għal dan il-ghan.**

Imbagħad il-legislazzjoni sussidjarja 9.24 Regolamenti dwar il-Procedura waqt Interrogazzjoni ta' Persuni Suspettati u persuni akkuzati tghid is-segwenti:

**2.(1) Ebda uffiċjal tal-pulizija ma għandu, fi kwalunkwe hin,jaghmel jew jgħid xi haga bl-intenzjoni li jiddiswadi persuna suspettata jew akkużata li hija intitolata għal għajnuna legali skontid-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu IX tat-Titolu I tat- Taqsima 1 tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali milli tikseb assistenza legali.**

**(2) Il-persuna suspettata jew akkużata li tagħżel li tagħmel użu minn assistenza legali ma tistax tiġi interrogata jew tkompli tiġiinterrogata sa qabel ma tkun irċieviet tali assistenza legali sakemmma jkunx hemm dewmien legalment awtorizzat skont dawn ir-regolamenti.**

**(3) Jekk avukat ikun ġie kkuntattjat u dan ikun qabel li jipprovdi assistenza legali lil persuna ssuspettata jew akkużata, huwa għandu jattendi fil-post fejn il-persuna suspettata jew akkużata tkun detenuta jew arrestata fil-pront iżda mhux aktar tard minn saghtejn wara li jkun aċċetta li jipprovdi assistenza legali. Jekk jgħaddu sagħtejn minn meta l-avukat qabel li jipprovdi assistenza legali u l-avukat jkun ghandu ma wasalx fil-post fejn tkun mehtiega l-assistenza legali, mingħajr ma tali dewmien ikun ġie awtorizzati minn uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux inqas minn dak ta' Suprintendent, l-istennija ghal iktar hin ghall-wasla tal-avukat għandha titqies li tikkawża dewmien mhux ragonevoli ghall-proċess tal-investigazzjoni.**

**F'ċirkostanzi bħal dawn, l-uffiċjal li jinvestiga għandu jitlob lill-Avukat ghal Għajnuna Legali tal-Ghassa biex jattendi minflok l-imsemmi avukat sabiex tibda l-interrogazzjoni. Ladarba l-interrogazzjoni tkun bdiet, ikun l-Avukat**

**ghal Għajnuna Legali tal-Ghassa li għandu jassisti lill-persuna suspettata jew akkużata u l-avukat li ma kienx wasal fi żmien sagħtejn minn meta ta l-kunsens biex jipprovdi assistenza legali m'għandhux jithalla fil-kamra fejn tkun qeda ssehh l- interrogazzjoni sabiex ma jinterrompix milli titkompla l-interrogazzjoni skond il- ligi.**

**(4) Uffiċjal li jinvestiga għandu jitlob il-parteċipazzjoni tal-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Ghassa meta l-avukat tal-għażla tal-persuna suspettata jew akkużata:**

**(a) ma jistax jintlahaq bit-telefon"; jew (b) ikun indika qabel li huwa ma jkunx jixtieqx li jiġi kkuntattjat; jew**
**(b) ikun irrifjuta li jipprovdi assistenza legali lill-persuna suspettata jew akkużata; jew**
**(c) jostakola l-interrogazzjoni xierqa tal-persuna suspettata jew tal-persuna akkużata**

*Dunque* ladarba l-avukat ta' fiducja tal-appellant ma setghax jintlahaq, l-ufficcjal investigattiv kellu jieqaf minn dak li kien qed jaghmel u jitlob li is-suspettat jigi assistit mill-avukat tal-ghajnuna legali. Dan ma sarx u allura dak li qal u iffirma l-appellant għandu jigi skartat mill-proceduri kollha odjerni ghax mhux sigur u bi vjolazzjoni tad-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali tieghu".

Ladarba wiehed inehhi dak allegatament mistqarr u iffirmat mill-appelant il-kaz tal-prosekuzzjoni jkompli jiddghajjef serjament u għalhekk ikomplu jinholqu dubbji serji li jimmilitaw favur l-appellant ta' fil-fatt x' gara fl-20 ta' Dicembru 2021 ghax fil-hin ta' ispezzjoni ma jidhirx li PC Briffa x' imkien qal li ra lill- appellant jonsob.
Ghalhekk mill-assjem tal-provi ghalkemm jidher li il-pulizija osserv l-oggetti relatati mal-insib wara il-hin legali, la l-appellant ma' ammetta xejn u lanqas 1- ufficcjal investigattiv ma ra lill-appellant jonsob.

**It-Tielet aggravju.**

**Interpretazzjoni mhux korretta tar-regolament 7 tal- legislazzjoni sussidjarja 549.74.**

Minghajr pregudizzju ghgall-aggravji wiehed u tnejn aktar 'I fuq esposti, l-appellant jikkontendi li huwa gie akkuzat bi ksur tat-tlett disposizzjonijiet tar-regolament 7 tal-L.S. 549.74. ossija is-sub-regolamenti (b), (n) u (s).

Jibda biex jingħad li ir-regolament 7 tal-L.S. 549.74 jghid testwalment is-segwenti:

**7. Kull licenza ghall-insib fil-Harifa mahruga skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha........**

Mela dan ir-regolament per se ma jikkrejax reat <u>izda jimponi fuq min johrog il-licenzji relevanti ghall-insib fil-Harifa biex jaghmel sett ta' kundizzjonijiet lill-applikant.</u> F' dan il-kaz il-Wildlife Bird Regulation Unit (WBRU) hija marbuta biex iddahhal dawn il-kundizzjonijiet fil-licenzji u jekk ma taghmilx hekk tkun hija stess qed tikser id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Bid-dovut rispetto lejn L-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellant jissottometti li huwa mhux ufficjal tad-WBRU u lanqas ghandu xi poter li johrog il-licenzji u allura ladarba ir- regolament 7 tal-imsemmi legislazzjoni ma japplikax ghalih huwa ma seta' qatt jigi akkuzat taht dak ir-regolament u wisq anqas seta' b' xi mod jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti.

Ghaldaqstant, l-appellant jemmen li huwa ghandu jigi ukoll liberat mill-akkuzi minhabba il-fatt li ir-regolament 7 tal-L.S. 549.74 ma japplikax ghalih u ghal fattispeci kif esposti mill-prosekuzzjoni.

**<u>Ir-Raba Aggravju.</u>**

**Piena.**

Bla pregudizzju għal dak diga' sottomess fl-aggravi l-ohra ghandu jinghad f' dak li jirrigwarda piena, l-appellant ma giex akkuzat li hu recediv u ghandu fedina penali

kwazi netta. Wiehed irid ukoll jikkunsidera li ghalkemm din hija procedura sommarja l-akkuzi jmorru lura ghal Dicembru 2021, jigifieri ghal aktar minn sena ilu. Fil-verita' l-iskop tal-piena mhux wahda ta' tpattija[10] u għalhekk il-legislatur peres li huwa delizzju jhalli fid-diskrezzjoni wisa' tal-gudikant li jaghti piena pekunjarja mill Ewro 500 sa Ewro 5,000.

Ghaldaqstant huwa jemmen li l-piena ta' Ewro 2,000 kienet wisq oneruza ladarba huwa kellu licenzja tal-insib kif ukol kellu ukoll il-licenzja specjali kif xehed l- ufficcjal tad-WBRU u kif intqal fit-trattazzjoni tal-appell l-istagun kien miftuh u hu kien allegatament qieghed fuq il-post tal-insib ftit sieghat wara li kien ghalaq u ftit sieghet qabel ma seta' kien jerga' jonsob, ossija saghtejn qabel tlugh ix- xemx.

Ghalhekk l-appellant jemmen li l-multa kellha tqarreb aktar lejn il-minimum.

Salv aggravji ohra permessi bil-ligi.

Ghal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet l-ohra li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' dan l-umli appell l-esponent, filwaqt illi jinterponi appell mis-sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) tas- 7 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet premessi u jaghmel referenza ghall-provi prodotti, filwaqt illi jirriserva li jressaq provi ohra premessi mill-ligi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentament, tilliberah minn kull htija u piena.

B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u/jew tirriduci s-sospensjoni rilevanti ta' kull licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti wara li fliet l-atti u rat ukoll l-aggravji tal-appellant, tghid illi sejra tghaddi sabiex tibda biex tippronunzja ruhha mit-tieni aggravju hekk kif imressaq mill-appellant Mark Cutajar.

**<u>It-tieni aggravju – Assistenza legali waqt l-ispezzjoni u l-interrogazzjoni</u>**

L-appellant qieghed jargumenta illi fl-NPS Report hemm imnizzel illi meta hu nghata d-drittijiet mill-pulizija fosthom id-dritt tal-Avukat, hu ghazel li jikkonsulta ma Dr. Miruzzi, izda dan ma rrispondiex il-*mobile*. Sussegwentament, gie ritenut illi stante li *'Dr Miruzzi ma giex mitkellem, Cutajar gie spjegat lilu rigward il-karta tar-rifjut u bil-buona volonta' tieghu, huwa iffirma din id-dikjarazzjoni…'*. B'mod kontrastanti, l-affidavit ta' PC 47 ma jghidx hekk anzi jghid li *'Mark stqarr li Alissa ma xtaqx jitkellem ma avukat'*. L-appellant iffirma id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali.

Din il-Qorti minghajr telf ta' hin sejra taghmel referenza ghar-regolament 2(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 9.24 li jistipula s-segwenti:

> *(4) Uffiċjal li jinvestiga għandu jitlob il-parteċipazzjoni tal-Avukat għal Għajnuna Legali tal-Għassa meta l-avukat tal-għażla tal-persuna suspettata jew akkużata:*
>
> ***(a) ma jistax jintlaħaq bit-telefon; jew***
> *(b) ikun indika qabel li huwa ma jkunx jixtieqx li jiġikkuntattjat; jew*
> *(ċ) ikun irrifjuta li jipprovdi assistenza legali lill-persunasuspettata jew akkużata; jew*
> *(d) jostakola l-interrogazzjoni xierqa tal-persunasuspettata jew tal-persuna akkużata.*

Skond l-NPS Report, li ddahhal fis-sistema nhar l-24 ta' Dicembru, 2021 minn PC 47 stess, l-appellant talab ghall-assistenza t' Avukat u pprova jikkuntatja lil Dr Miruzzi, madankollu dan ma wegibx it-telefon u gie spjegat lilu fuq il-karta tar-rifjut. Sussegwentament, fl-affidavit ta' PC 47 li gie gguramentat f'19 ta' Jannar, jinghad illi

l-appellant ma xtaqx jitkellem m'avukat. Din il-Qorti minghajr tlaqliq tghid illi quddiema ma ghandiex zewg xhieda differenti li qed jaghtu verzjonijiet opposti, izda NPS Report li ddahal fis-sistema minn PC 47 u affidavit tal-istess PC 47 li mhux qed jghidu l-istess haga! Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex temmen il-verzjoni kif moghtija fin-NPS Report u ghalhekk PC 47 fil-punt li Dr Miruzzi ma wegibx it-telefon kellu jara li jitlob il-partecipazzjoni t' avukat tal-Ghajnuna Legali u mhux jispjega lill-appellant fuq il-karta tar-rifjut!

Issir referenza ghal Dok X4 a fol. 8 tal-process u cioe' l-formola fejn l-appellant iffirma u rrinunzja ghall-assistenza t'avukat, kif ukoll ghal Dok X5 a fol. 9 tal-process li hija l-formola li wkoll giet iffirmata mill-appellant tal-affarijiet li gew elevati minghandu. Minghajr telf ta' zmien din il-Qorti tghid illi dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u sussegwentament sfilzati mill-atti processwali. Fl-affidavit ta' PC 47 ma jidhirx li hemm xi referenza ghal dak li qal l-appellant lill-istess PC 47 u u lanqas m'hemm xi stqarrija rilaxxata mill-appellant fil-process. Kieku kien hemm xi haga minn dawn fl-atti, din il-Qorti ssostni li kienu jigu sfilzati wkoll.

Ghaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellant fejn qieghed jitlob li dak li qal u ffirma l-appellant ghandu jigi skartat mill-proceduri qieghed jigi milqugh.

F'dan il-punt, il-Qorti sejra tiehu l-opportunita' sabiex tghid ukoll illi ma tistax tifhem kif PC 333 Ismael Ahmed Gado ma giex imressaq bhala xhud tal-prosekuzzjoni. Filwaqt li fl-atti naraw l-affidavit ta' PC 47 Bernard Briffa, ma jinstab l-ebda affidavit ta' PC 333 Ismael Ahmed Gado. Dawn iz-zewg pulizija ikkonducew investigazzjoni flimkien, u huma l-unici l-investigaw dan il-kaz. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tifhem kif PC 47 xehed izda PC 333 le. Il-Qorti tfakkar illi kif gie ritenut diversi drabi, filwaqt li l-akkuzat m'hu mistenni jressaq xejn fi proceduri penali, il-prosekuzzjoni mistennija tressaq l-aqwa prova. Jekk minn zewg pulizija xehed biss wiehed, din il-Qorti zgur ma tistax tghid illi tressqet l-aqwa prova f'dan ir-rigward.

**<u>L-ewwel aggravju – l-Apprezzament tal-provi fuq il-lok u ic-citazzjoni</u>**

F'dan l-aggravju l-appellant qieghed jargumenta illi filwaqt li fic-citazzjoni hemm specifikat 'Delimara limiti ta' Marsaxlokk', fl-affidavit tieghu PC 47 B. Briffa jghid li l-ispezzjoni saret 'Delimara limiti ta' Birzebbugia.' Min-naha l-ohra, meta l-appellant Mark Cutajar xehed quddiem l-Ewwel Qorti u mistoqsi mill-Avukat tieghu fejn kien qed jonsob dakinhar tal-20 ta' Dicembru, 2021, huwa wiegeb li kien ta' Berikka limiti ta' Marsaskala, fejn anke pprezenta prova ta'fejn hu ghandu l-mansab hemm hekk.

Sussegwentament, l-appellant fir-rikors t' appell tieghu ghadda sabiex iccita xi gurisprudenza, fosthom fejn gie deciz illi l-Qorti ma setghetx issib htija dwar kummissjoni ta' reat li jkun sehh f'post iehor mhux dak indikat fl-akkuza. Din il-Qorti hija ben konxja minn dawn is-sentenzi, madankollu, il-punt ta' tluq huwa jekk il-Qorti temminx l-appellant u cioe' jekk ir-reat sarx f'post iehor u mhux dak indikat fic-citazzjoni.

Ghaldaqstant, wara li din il-Qorti fliet l-att, rat illi c-citazzjoni ssemmi Dellimara limiti ta' Marsaxlokk; l-NPS Report a fol. 3 et seq tal-process, osservat illi bhala indirizz hemm specifikat 'Marsaxlokk' u bhala *landmark* 'Delimara'u l-affidavit ta' PC 47 jghid Dellimara limiti ta' Birzebbugia. Kif diga' gie ritenut *supra*, l-appellant bil-gurament tieghu xehed illi dakinhar hu kien qieghed jonsob fl-inhawi ta' Berikka, Marsaskala.

Din il-Qorti tghid illi dan mhux kaz bhal tas-soltu fejn ghandha l-verzjoni tal-prosekuzzjoni li qiedgha tikkontrasta ma dik tal-akkuzat u daqshekk. F'dan il-kaz din il-Qorti hija rinfaccata b'fatti kunflingenti li jirrizultaw minn NPS report imhejji minn PC 47 u l-affidavit tal-istess PC 47, u dan kif spjegat ahjar fit-tieni eccezzjoni sucitata. F'dan ir-rigward kif diga gie ritenut, ic-citazzjoni u r-rapport qed jghidu Delimara, limiti ta' Marsaxlokk, PC 47 fl-affidavit tieghu qed jghid Delimara limiti ta' Birzebbugia u l-appellant bil-gurament tieghu qed jahlef li kien qed jonsob Marsaskala. Din il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li temmen xhud minn iehor u stante dak ritenut *supra* ghandha d-dubbji taghha fejn vera sar l-allegat reat u li huwa probabbli li dan ir-reat sar Marsaskala u mhux Delimara. Kif diga' gie ritenut, il-prosekuzzjoni ma gabitx l-aqwa prova u kwalunkwe dubbju fil-kamp penali ghandu jimmerita favur l-akkuzat.

In oltre, l-appellant qieghed jargumenta fir-rikors t' appell tieghu illi din il-Qorti ma tistax issib htija dwar kummissjoni ta' xi reat li jkun sehh f'xi post iehor u mhux dak indikat fl-akkuza.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża,* ***bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok*** *li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw......"*

Fir-rigward tac-citazzjoni w zbalji relatati maghha, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuele Azzopardi**[1] fejn gie ritenut hekk:

> *'Meta ġew biex jinterpretaw l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, dawn il-Qrati tradizzjonalment għalmu li ċċitazzjoni hija avviso a comparire. L-appellant jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et****,[2] fejn dik il-Qorti, wara li wkoll għamlet eżami tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali u ta sitwazzjonijiet fejn tirriżulta diskrepanza bejn partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u l-provi li jirriżultaw matul il-kors tal-kawża, għamlet ukoll riferenza għal diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati li ddipartew mill- ġurisprudenza dwar il-karatteristika tal-avviż bħala merament avviso a comparire.*
>
> *21.Kien hemm każijiet fejn dawn il-Qrati iċċensuraw indikazzjonijiet ħżiena tal-ħin li setgħu faċilment ġew korretti mill-Prosekuzzjoni fuq talba appożita.[3] Pero kien hemm ukoll każijiet fejn l-aggravji kienu jiċċentraw dwar indikazzjoni ħażina fl-avviż tal-ħin li fih ikun seħħ l-allegat reat (eżempju varjazzjoni b'xi tnax il-siegħa) u li bdew jiġu milqugħa. L-argument imressaq f'dawn il-każijiet huwa li kien dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li jekk kien hemm xi żball fl-avviż, din kellha*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 t' Ottubru, 2019.
[2] *Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018.*
[3] ***Il-Pulizija vs Nicolai Magrin*** *deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-17 ta' Marzu 2008.*

*tagħmel talba apposita għall-korrezzjoni tempestivament.*[4] *Din il-posizzjoni aħħarija ġiet ukoll segwita sussegwentement fil-kawża* ***Il-Pulizija vs Warren Piscopo***[5] *nonche fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs Rita Theuma.***[6]

22.*Fil-kawża* ***Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et,***[7] *din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet aggravju li kien jilmenta l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lill-imputati ħatja ta' reat li fl-avviż kien indikat li seħħ fi Triq San Duminku kantuniera ma Triq il-Merkanti, Valletta, mentri fil-fatt il-post fejn allegatament seħħ ir-reat mill-provi ħareġ li l-faċċata tal-fond fejn allegatament seħħ ir-reat kien fi Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Duminku. Ir-raġunament ta' dik il-Qorti kien li:*

***Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.'*** *(enfasi ta'din il-Qorti)*

In oltre, issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Paul Azzopardi**, [8] li ghamel referenza ghaliha wkoll l-appellant fir-rikors t' appell tieghu. F'din is-sentenza gie ritenut hekk:

---

[4] ***Il-Pulizija vs John Mary Briffa*** *deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 t'Ottubru 2005.*
[5] *Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.*
[6] *Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.*
[7] *Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018.*
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Noembru 2017.

*'Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll **f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza**, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. **Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. Issa f'dan il-kaz l-appellanti qatt ma jista' jigi misjub hati ta' reat li twettaq f'post jew f'lok fejn huwa ma kienx jinstab fil-hin indikat fl-akkuza ghaliex jidher illi f'dak il-hin huwa kien jinstab gewwa Triq il-Ferrovija u mhux fi Triq il-Kappillan Mifsud.'***

In vista tas-suespost, din il-Qorti hija kostretta tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellant Mark Cutajar u ghalhekk qedgha thassar u tirrevoka is-sentenza appellata, u tghaddi biex tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**Din il-Qorti qeghda tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tali proceduri isiru b'aktar attenzjoni w jigu wkoll mressqa l-provi kollha skond il-ligi.**

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**